# Il-Ħadd 21.01.2018

1. Illum 21/01:
   - Fil-11:00am - Tberik u Ftuħ ta' Wirja Pawlina fil-Każin San Pawl.
     Bħala ħinjiet biex wieħed ikun jista' jżur din il-wirja:
     - Il-Ħdud 21/01 u 28/01: Mill-11:00am sas-1:00pm.
     - Mit-Tnejn 22/01 sas-Sibt 27/01: Mis-7:00pm sad-9:00pm.

2. It-Tnejn 22/01:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina matul din is-sena. Din ser issir fil-Museum tal-Bniet.

3. L-Erbgħa 24/01:
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.

4. Il-Ħamis 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   *Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.*
   - Fis-7:30am - Quddiesa.
   - Fil-5:30pm - Ir-Rużarju.
   - Fis-6:00pm - It-Talb ta' Filgħaxija (L-Għasar) li jintemm bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerali, u animata mill-Kor '*Sine Macula'*, li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u jsir il-bews tar-Relikwa.
   - Fit-8:00pm - Il-Banda San Pawl issellem l-istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier bl-innijiet prinċipali u xi marċi. *Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.*

5. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li llum (21/01), xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm.
   - Bi pjaċir inħabbrilkom li l-*Atelier del Restauro* tal-Mosta temmew ukoll ir-restawr fuq ir-Relikwarju l-Antik ta' San Pawl, liema relikwarju sar studju fuqu u rriżulta li apparti li kien l-ewwel relikwarju għall-festa ta' San Pawl, serva ta' mudell biex eventwalment sar dak tal-fidda, jiġifieri dak li nużaw fil-festa. L-ispiża biex dan ir-relikwarju nerġgħu nibdew ingawduh kif xieraq u jkun f'niċċa apposta fuq l-altar tal-kor, kienet ta' € 1,100, liema spiża qed tinkludi wkoll ix-xiri u t-twaħħil ta' ħġieġa speċjali biex tipproteġieh mit-trab. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex inkopru dan il-proġett u napprezza jekk tibqgħu tikkontribwixxu skont kemm tistgħu biex inkomplu għaddejjin bi proġetti ta' restawr li qed nippjanaw, fosthom dak tal-ġilandra bir-raġġiera fejn jintrama l-Bambin fi żmien il-Milied, li għandha ftit ħsara mhux ħażin. Grazzi bil-quddiem.
   - F'dawn il-jiem ser jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għal dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u indipendenti. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Is-servizz tal-*bulky refuse* qed jingħata darbtejn fil-ġimgħa minnflok darba, bil-ġranet ikunu l-Erbgħa u s-Sibt.
   - Minn Frar, l-uffiċċjal tas-Sigurtà Soċjali se tibda tiġi l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali darba fil-ġimgħa, jiġifieri kull nhar t'Erbgħa bejn l-10:00am u nofsinhar, minnflok darba kull ħmistax.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 30 mill-envelopes tal-Istrina b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 50 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.